- Reġistrazzjoni mill-ġdid ta’ Vetturi Bla Dokumenti
- Vettura *undocumented* hija vettura li ilha zmien f’Malta, li jew intilfu d-dokumenti tagħha, jew il-pjanċi, jew il-provenjenza tagħha.
- Dawn l-aktar li ssibhom huma vetturi tal-militar bħal muturi jew trakkijiet. Izda kien hemm numru mhux ħazin ta’ vetturi sas-snin sebgħin.
- Jista jkun ukoll li l-ADT ma jistgħux jsibu l-file mid-*dead-room*. Dan għaliex ħafna files spiċċaw tmermru u ntremew.

Il-Federazzjoni ħasset li din kienet xi ħaġa inġusta, u għalhekk damet xi 8 snin tissielet biex tirranġa s-sitwazzjoni. Barra minn hekk, membri tal-*clubs* fi ħdan l-FMVA, ippruvaw jirranġaw din is-sitwazzjoni.
Fl-2008 ingħatat l-konċessjoni biex dawn il-vetturi jingħataw numri u *logbook* mingħajr ħlas ta’ *first*

*registration*. Tħallsu biss xi spejjez amministrattivi.

Bis-saħħa ta' din il-mizura mijiet ta' vetturi kienu salvati u rrestawrati

Issa wara ħafna sforzi minn-naħa tal-FMVA, ftit ġranet ilu reġgħet ħarġet din il-konċessjoni izda bid-differenza li din id-darba s-sid irid jħallas l-ewwel reġistrazzjoni (*first registration)*.

Min jista japplika u l-formuli uzati:

- Il-konċessjoni tapplika għall-vetturi bid-data tal-manifattura sa l-aħħar tas-sena 1976.
- VEH 1 & 2 li huma l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoniet ġodda
- VEH 15 flimkien ma 4 ritratti (muturi) jew 5 ritratti (karozzi). Din hija l-applikazzjoni tas-soltu biex vettura tkun meqjusa bħala klassika
- VEH 18 li hija l-formula l-ġdida tal-*Undocumented*.

- L-applikant jingħata irċevuta dak il-ħin stess mit-TM.
- L-applikazzjoni tiegħu tkun pproċessata mill-Bord tal-Vintage. Jekk il-vettura tgħaddi bħala *classic*, it-TM tinforma lis-sid biex dan jiġi jħallas l-ewwel registrazzjoni.
- Issir stima tal-valur tal-vettura.
- Naturalment is-sid jrid jieħu ħsieb il-VRT u l-assikurazzjoni jekk ikun ser jieħu l-pjanci.
- MA HEMM EBDA RESTRIZZJONIJIET FUQ L-UŻU JEW TRASFERIMENT TAL-VETTURA

Din il-konċessjoni hija *biss* għal dawk il-vetturi li ilhom f'pajjizna zmien twil u b'xi mod jew ieħor intilfu d-dokumenti tagħhom.

Din il-konċessjoni mhix għal vetturi importati issa, jew dan l-aħħar. Persuna ma tistgħax timporta vettura issa u tapplika taparsi din ilha f'Malta zmien

twil u ntilfulha d-dokumenti.
Dawk li għandhom applikazzjonijiet pendenti biex jirreġistraw xi vetturi bi ħlas, (jiġifieri mhux fl-iskema l-antika ta' l-undocumented), kull ma jridu jagħmlu hu li jimlew applikazzjoni VEH 18 u jiziduha mal-karti li diġa' għandhom
Jiġifieri l-ispezzjonijiet u l-istimi tal-valur li diġa' saru jibqgħu jgħoddu

## Skema *Single License Multi Vehicle* (SLMV)

Permezz ta' din l-iskema sidien ta' vetturi diġa' ikklassifikati bħala klassici jistgħu jħallsu licenzja waħda għall-vetturi kollha tagħhom.

Is-sistema ser taħdem kif ġej…

- Tintuza l-applikazzjoni VEH 42
- Is-sid dejjem jħallas l-għola liċenzja. Jiġifieri jekk għandu, biex nagħtu ezempju, karrozza Amerikana kbira, u ħames Fiat 500, jħallas il-liċenzja

tal-kbira.

- Il-vetturi l-oħra jħallsu biss €8 fis-sena bħala *administration fee*.
- Tista tħallat vetturi ta' kull tip basta ikunu kollha klassiċi ċċertifikati. Jiġifieri tista tagħmel per ezempju 4 karozzi, 2 muturi u trakk taħt liċenzja waħda.
- Il-liċenzja ta' fuq il-windscreen (road license) għal dawn il-vetturi biss ser ikunu ta' kulur iehor.
- Ser ikun hemm *badge* ta' l-enamel li trid titwaħħal fuq jew ħdejn il-pjanċa ta' quddiem.

Kif diġa' tkellimna, ma tistgħax issuq vettura bil-liċenzja "tal-kulur" mingħajr il-*badge*. Izda jekk il-vettura tkun ipparkjata waqt xi wirja jew ipparkjata x'imkien legalment, tista taqla' il-*badge* biex per ezempju tagħmilha fuq vettura ohra. B'hekk tista ttella iktar minn vettura waħda għal xi wirja.

Warden jew pulizija ma jistgħax jkellmek jekk il-vettura hija pparkjata
Izda jekk tinqabad issuq vettura mingħajr il-badge inti se teħel multa ekwivalenti għall-liċenzja ta’ l-ikbar vettura li ikollok fl-iskema.
Dan ifisser li, fil-kas li semmejt qabel, jekk tinqabad mingħajr il-badge kemm bl-Amerikana jew bil-Fiat 500, int ser teħel multa ta’ €185!
Tajjeb li tkunu tafu illi tista tixtri aktar minn liċenzja waħda biex minn jrid joħrog iktar minn vettura waħda jista.

Tista tagħmel grupp ta’ vetturi skond kif jaqbillek

F’dawn il-kazijiet titħallas it-tieni l-għola liċenzja u is-sistema tkompli sejra hekk
Dwar l-Assikurazzjoni…
L-FMVA tkellmet ma zewg kumpanniji ewlenin li kkonfermaw illi ma jsibux oggezzjoni li jagħmlu poloz ta’

assikurazzjoni li jkopru vettura waħda biss tintuża fit-triq.
Izda, s'issa, hija f'idejn l-individwu biex jitkellem u jiftiehem fuq l-aħjar arranġament ta' polza li tgħodd għalih.
Din mhix skema li taqbel għal kulħadd.
Kull persuna trid tagħmel il-kalkoli tagħha u tiddeċiedi jekk tridx tidħol (jew toħrog) mill-iskema.